Il-mappa turina ċar li l-Baħar Mediterran fih tliet daħliet jew bibien li jinfdu għall-ibħra oħra. Dawn huma;

- Il-Fliegu ta' Ġibiltà li jgħaqqad il-Baħar Mediterran ma' l-Oċean Atlantiku.
- Il-Kanal tas-Swejz li jgħaqqad il-Baħar Mediterran mal-Baħar l-Aħmar li jwassal għall-Oċean Indjan.
- Id-Dardanelli li jgħaqqad il-Baħar Mediterran mal-Baħar l-Iswed.






Id-Dardanelli

Id-Dardanelli huwa passaġġ li jgħaqqad il-Mediterran mal-Baħar l-Iswed. Il-vapuri jridu jgħaddu minn dan il-passaġġ li jinsab fit-Turkija viċin il-belt ta' Istanbul.






## Il-Kanal tas-Swejz

Dan il-kanal tħaffer apposta fl-Eġittu biex jgħaqqad il-Baħar l-Aħmar mal-Mediterran. Vapur ġej mill-Indja jew miċ-Ċina m'hemmx għalfejn idur ma' l-Afrika kollha, iżda jgħaddi mill-Kanal tas-Swejz u jqassar ħafna r-rotta tiegħu.






## Il-Fliegu ta' Ġibiltà

Il-Fliegu ta' Ġibiltà huwa passaġġ dejjaq bejn Spanja u l-Marokk. Kull vapur li jrid jidħol fil-Mediterran mill-Oċean Atlantiku jrid jgħaddi minn dan l-Istrett.

Uża mappa tad-dinja jew globu biex tara minn fejn jaqbillek tgħaddi.

| Agħżel minn: | Fliegu ta' Ġibiltà | Kanal tas-Swejz | Dardanelli |
|---|---|---|---|

- Jekk qiegħed l-Ingilterra u trid tiġi Malta? ______________________
- Jekk qiegħed Malta u trid tmur l-Awstralja? ______________________
- Jekk qiegħed il-Greċja u trid tmur ir-Russja? ______________________
- Jekk qiegħed l-Amerika u trid tmur l-Iżrael? ______________________
- Jekk qiegħed Malta u trid tmur l-Indja? ______________________

Fuq il-mappa tal-Mediterran

- Pinġi l-baħar ikħal u l-art kannella.
- Ikteb dawn l-ismijiet fil-post it-tajjeb: Baħar Mediterran, Baħar l-Iswed, Baħar l-Aħmar u l-Oċean Atlantiku.
- Poġġi l-ismijiet ta' dawn il-kontinenti f'posthom: Afrika, Asja, Ewropa.
- Immarka permezz ta' vleġeġ ħomor it-tliet fetħiet tal-Baħar Mediterran. Ħdejn kull fleġġa ikteb l-isem.



Dawn is-sentenzi fihom xi żbalji. Irranġahom.

- Vapur tal-merkanzija telaq mill-port ta' Marsaxlokk lejn l-Ingilterra mgħobbi bil-kontejners. Irħielha lejn il-punent u għadda mid-Dardanelli u daħal fl-Oċean Indjan.

- Vapur mgħobbi bit-televixins telaq mill-Ġappun lejn il-Gżejjer Maltin. Għadda minn fuq l-Awstralja daħal fl-Oċean Indjan, u mbagħad ġibed għall-Baħar l-Iswed. Għadda mill-Fliegu ta' Ġibiltà u baqa' ġej dritt Malta.

- Vapur mgħobbi biż-żejt inkalja hekk kif kien ħiereġ mid-Dardanelli fi triqtu lejn il-Mediterran. Iż-żejt li ħareġ niġġes il-Baħar l-Aħmar kollu.

- Inqala' inċident kbir bejn żewġ bastimenti tal-gwerra. Peress li kien hemm ċpar qawwi, żewġ vapuri, wieħed Taljan u l-ieħor Amerikan, ħabtu fl-Istrett ta' Ġibiltà bejn l-Italja u Franza. Minħabba f'hekk l-ebda vapur ma seta' joħroġ mill-Mediterran lejn l-Oċean Indjan.



## Fittex fl-Internet

Uża l-*website* t'hawn taħt biex issib:

- Mapep interattivi ta' l-Ewropa.
- Mapep tad-dinja u tal-Mediterran.
- Stampi u tagħrif dwar is-sitt kontinenti li jiffurmaw id-dinja tagħna.
- Liema huma l-pajjiżi li qegħdin fl-EU.

*http://schoolnet.gov.mt/geography/primary/workbook*